Minuti tal-laqgħa numru sitta u sittin (66) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju 2023 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 34 Triq Inguanez, ir-Rabat, fis-6:00pm

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier (On-line) |
| Is-Sur Anthony Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Assenti: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| 66.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.<br>Kien hemm ittra ta' apoloġija tas-Sur Norbert Grech u s-SE qal li rċieva messaġġ mill-Viċi Sindku li ma setgħux ikunu magħna waqt il-laqgħa fil-waqt li rċivejna talba biex il-kunsillier is-Sa Janice Busuttil tkun magħna on-line. Dawn kienu milqugħa b'vot unanimu. | Talba<br>Ittri ta apoloġija |
| 66.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru ħamsa u sittin (65).**<br>Il-minuti tas-seduta numru ħamsa u sittin kienu meħuda bħala moqrija u dawn kienu approvati b'vot unanimu u ffirmati wara li tpoġġew għal vot mis-Sindku u kienu ssekondati mis-Sur Chris Farrugia. | Minuti |
| 66.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 349 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 68**<br>Kienu approvati b'vot unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 349 kif ukoll dik tax-xiri tal-prodotti u servizzi numru 68 għajr items: 11 u 22, dik ta' AIS | Ċedoli tal-pagamenti u xiri ta' servizzi u prodotti |

| | | |
|---|---|---|
| | Technology tal-iskips ta' Għar Barka u dik għas-servizz ta' mużika u daqq f'Jum ir-Rabat. Is-Sur Sandru Craus, is-Sindku qal illi dawn is-servizzi se jingħataw mil-grupp Rabti Fire light għal €1,300 biss.<br><br>Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-kont li ma kienx tħallas tiegħu il-kuntrattur Charlie Mifsud. Is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal qal li xogħlu kien għamlu wara li nqatgħulu mil-pagament dawn il-flus. Kien deċiż illi l-KLR iħallsu l-full amount u nagħmlulu ittra tat-twissija. | |
| 66.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm | |
| 66.05 | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2022***<br>Kienu approvati b'vot unanimu l-*Audited Financial Statements 2022*. Dawn se jkunu meħuda għand l-awdituri PR Turner għada stess peress li hemm *deadline* li jridu jitwasslu fl-uffiċċju ġenerali tal-Awditur sa nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju 2023. | Audited FS ye 2022 |
| 66.06 | **Applikazzjoni SPI/SCI/4/2023 - Komunitajiet aktar sikuri u organizzati (Speed Guns, CCTV, Aġġeġġi ta' Sigurtà**<br>Kien deċiż illi napplikaw biss għal cctv's u aġġeġġi ta' sigurtà. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat mhux se japplika għal speed guns peress li kemm-il darba dawn jitilqu minn idejh ma jibqgħux tiegħu. | SPI/SCI/4/23 |
| 66.07 | **Viżita mal-Belt Ġemellata ta' Tarquinia**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-ġemellaġġ li kien sar fi żmien meta kien Sindku, is-Sur Rodolph Grima. Hu qal li għandna inżommu ġemellaġġ wieħed mal-belt ta' Tarquinia u nsaħħu dak li diġa' hemm issa bil-proposta viżita hemmhekk u mal-oħrajn kollha li tkellimna magħhom aktar kmieni din is-sena, niffirmaw Memorandum of Understanding. Fil-viżita se jitilgħu, is-Sindku u s-Seg Eżek bis-sinjuri tagħhom u is-Sur Rudolph Grima. | Tarquinia |
| 66.08 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta Pubblika - Għamara tat-toroq għas-Saqqajja**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti Pubbliċi illi din kienet waħda li tiżboq l-istima. Madankollu il-kuntratt se jingħata xorta waħda għaliex ix-xogħol se jibda' f'Settembru 2023 u l-kuntrattur irid jordna l-għamara tat-toroq minn barra minn Malta biex jaslu fil-ħin għall-proġett tas-Saqqajja. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn l-ispejjeż se jkunu rkuprati kollha kemm huma mid-*Development Fund* tal-Awtorità tal-Ippjanar. Sadanittant is-Sur Craus żied jgħid illi għamel kuntatti ma' *Infrastructure Malta* u talabhom biex jagħmlu t-tarmak fi Pjazza tas-Saqqajja u ltaqa' ma' uffiċjali tagħhom u wiegħdu li se jkunu qed jagħmlu kollox għajr il-finanzjament tal-pavimentar bil-madum fuq il-bankini. | Għamara tat-toroq tas-Saqqajja. |
| 66.09 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta Pubblika - Reċipjenti tal-iskart tailor made esklussivament għar-residenti ta' Għar Barka** | Reċipjenti tal-Iskart għal Għar Barka. |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsill ikkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti Pubbliċi u minkejja li l-ispejjeż kapitali huma ġustifikati, il-KLR ra li dawk rikurrenti se jkunu aktar milli wieħed kien antiċipa - anzi għoljin ferm. Għaldaqstant kien deċiż illi l-offerta pubblika ma tingħatax lill-*AIS Technology*. | |
| 66.10 | **Jum ir-Rabat 2023**<br>Kien unanimament deċiż illi l-ġieħ ir-Rabat jingħata lil Patri Martin Coleiro għas-servizz li ta fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù u lis-Sur Clive Farrugia li ġab medalja tad-deheb fil-logħob tal-pajjiżi ż-Żgħar. Madankollu se jingħata unur ukoll lis-Sur Denzil Armani DJ żgħażugħ li hu promettenti u ingħata wkoll iċ-ċans idoqq fuq il-fosos tal-Furjana fil-kunċert The Isle of MTV ta' dan ix-xahar ,u rikonoxximent lis-Sa Mikaela Galea li ħadet sehem fl-ispar fil-logħob tal-Pajjiżi ż-żgħar. | Jum ir-Rabat 2023 |
| 66.11 | **L-Attività *Rabat Sacrum* – approvazzjoni ta' minuti ta' laqgħa tal-Kumitat. (annessi) u tal-ispejjeż**<br>Is-Sur Rudolph Grima ta aġġornament tar-Rabat Sacrum u l-minuti tal-laqgħat tal-kumitat kienu approvati unanimament. Is-Sur Grima qal illi issa qed nagħlqu u se jkun f'pożizzjoni li jagħtina l-*budget* komplet speċjalment ta' dawk il-gruppi li s'issa ma kienux approvati fl-iskeda tax-xiri ta' servizzi u provisti. | Rabat Sacrum |
| 66.12 | **Regolamenti tal-2023 dwar Stazzjonar Tempranju ta' *Caravans* fil-Lokalitajiet**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra bir-reqqa kollha l-avviz legali li ħareġ il-Gvern Ċentrali dwar il-*Caravans*. Kien hemm qbil unanimu illi l-permessi mil-KLR jingħataw biss lil dawk li jixtiequ jarmaw il-caravans fil-Kunċizzjoni, tal-Virtu', Fomm ir-Riħ u Miġra Ferħa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn għandhom iħallu €50 depożitu biex nassiguraw li jħallu nadif warajhom u jinġabru €50 biex niġbrulhom l-iskart bħala Kunsill. | Caravans |
| 66.13 | **Talba għal estenzjoni ta' żmien - Tender tar-Refurbishment tal-Kunsill: 8, Triq l-Isptar, sal-aħħar ta' Diċembru 2023**<br>Dwar il-binja tal-Kunsill, kien hemm min staqsa sa fejn wasal il-proġett. Intqal illi l-Inġinier tal-Perit Charles Buhagiar, is-Sur Anton Cutajar, irreżenja u kellna nsibu Inġinier ieħor biex ikompli l-proġett. Dan hu is-Sur Jordan Cutajar. Dan għaliex ix-xogħlijiet fuq l-elettriku u l-ilma għadu s'issa ma bediex. Fil-frattemp issaqqfu l-kmamar li kienu waqgħu fil-bitħa fejn kien hemm il-kċina u t-toilets u wasalna sat-tielet sular.<br><br>Intant għat-talba li saret minn Cieffe Ltd biex id-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt tiżdied għall-aħħar ta' Diċembru 2023, il-KLR kien tal-fehma illi tingħata estenzjoni sa nhar it-30 ta' Novembru 2023 għal dawn ir-raġunijiet:<br><br>(i) Il-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta tellef lil Cieffe għaliex għalaq Triq il-Kbira u dawn ma setgħux idaħħlu la ġebel u lanqas konkos<br><br>(ii) Id-diżinni tal-M & E's ma waslux fil-ħin għand Cieffe minħabba li l-Inġinier Anton Cutajar dam ħafna u baqa' sakemm irreżenja | Refurbishment tal-Kunsill |

| | | |
|---|---|---|
| | (iii) Ittieħdet id-deċiżjonijiet li mhux se jinksew il-ħitan bil-*gypsum boards* u issa se jsir kullimkien fuq il-fil li se jtawwlu x-xogħlijiet għax huma aktar *work intensive*. | |
| 66.14 | **Nomina ta' Żgħażugħ/a għas-seduta tal-Parlament taż-Żgħażagħ tat-22 ta' Settembru (deadline l-aħħar ta' Lulju)**<br>Se nġibu din l-istedina għaż-żgħażagħ fuq is-sit ta' facebook tal-Kunsill. | Żgħażugħ/a fil-Parlament |
| 66.15 | **Proposta għall-SPI/SCI/5/2023 - Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**<br>Il-Kunsill mhux se jieħu azzjoni.għax ma jistax japplika. | SPI/SCI/5/2023 |
| 66.16 | **Biex ikun kompost il-bord ta' evalwazzjoni tat-Tender ta' Misraħ San Duminku – Interreg Italia Malta**<br>Il-Bord se jkun kompost minn Chris Falzon bħala Chairman, is-Sa Oriana Farrugia, is-Sa Romina Perici Ferrante u Dr Richard Sladden. | Membri tal-Kumitat tal-offerta |
| 66.17 | **Talba biex tkun okkupata il-bankina 0.96 sq mt quddiem l-ex-Gusmana Navarra Restaurant**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qed joffri li flok il-parking bay u l-bankina ta' maz-zuntier tkun okkupata bl-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristorant, il-permess jingħata għal nofs l-isqaq bejn l-istess Restaurant u l-Każin tal-PL. | Imwejjed u Siġġijiet |
| 66.18 | **Punti Oħra** | |
| 66.18.01 | Ir-ritratt li esebixxa is-Sur Nazju Cassar dwar traffiku goff staġnat fi Triq Ġorġ Borg Olivier minħabba trakk li daħal illegalment se jkun mibgħut lis-Surġenta tal-Għassa biex jieħdu passi huma. Dan għandu in-numru jidher. | GBO staġnata bit-traffiku goff |
| 66.18.02 | Is-Sinjura Janice Busuttil tkellemet fuq ir-rimi tal-iskart fejn il-*letter box* fil-HE f'Għeriexem. Se jitwaħħlu *site notices* biex ma jibqax jitħalla skart hemmhekk. | Skart f'Għeriexem |
| 66.18.03 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona xogħol fuq bankina fi Triq Godwin Ganado | Bankina |
| 66.18.04 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona li jsir xogħol fuq bankina fi Triq Daħlet id-Dejr. | Bankina |
| 66.18.05 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona li ssir tindifa il-blata li hemm fi Triq Vincenzo Ciappara. | Tindif |
| 66.18.06 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona li jsir tindif fejn is-*sub station* taddawl fl-Għemieri. Hu qal li hemm ħafna boroż u terrapien. | Tindif |
| 66.18.07 | Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-bankina li trid issir f'Misraħ San Duminku. Qed ikun propost li ssir bil-lava u tinżamm il-kurduna taż-żonqor. | Bankina |
| 66.18.06 | Is-Sur Christopher Farrugia tkellem fuq ir-razzett li hemm fi Triq tal-Virtù biswit is-*shooting range* fejn il-kastell. Il-KLR se jiċċekkja dwar it-titlu ta' dan is-sit mad-Dipartiment tal-Artijiet. Dan għaliex qed jintefa' ħafna skart fih u l-ħaddiema tagħna ma jistgħux jidħlu jnaddfu għaliex dan hu dilapidat u hemm il-periklu. | Razett dilapidat |

| | | |
|---|---|---|
| 66.18.07 | Is-Sa Janice Busuttil tkellmet dwar is-suċċess tal-mudelli Maltin li qed tieħu ħsieb hi fil-kompetizzjoni ġewwa Sqallija. Hija qalet illi dawn jixtiequ jagħmlu wkoll waħda hawn Malta. Sadanittant hi qalet illi ċertu Enna rebħet premju prestiġjuż. | Suċċqss fi Sqallija |
| 66.19 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa intemmet fit-20:20 u kien deċiż li dik li jmiss issir nhar it-23 ta' Awwissu 2023 fl-istess ħin. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Miġbura minn Anthony Bonello u approvati llum 23 t'Awwissu 2023 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku